# Beati u Qaddisin....Gunju

**16 ta' Gunju**
**San Gwann Frangisk Regis (1597 - 1640)**

San Gwann Frangisku Regis twieled gewwa Fontcouverte fil-Langguedoc, f' Jannar tas-sena 1597 minn familja kattolika nobbli. Sa minn ckunitu huwa wera gibda lejn il-qdusija u kien ihobb it-talb.Huwa ha l-edukazzjoni minghand il-gizwiti u ta' 19 il-sena bil-permess tal-konfessur tieghu huwa dahal jaghmel parti mis-socjieta ta' Gesu' gewwa Toulouse. Kien jsejhulu l-anglu tal-kullegg ghaliex kien ezemplari ghal ahhar. Wara li studja t-teologija huwa gie ordnat sacerdot fis-sena 1630. L-ewwel missjoni tieghu kienet qalb in-nies morda bil-pesta. Kien hu li talab biex imur jaqdi l-appostolat tieghu fosthom, minkejja li s-superjuri tieghu kienu kuntrarji ghaliex ma riedux jesponuh ghall-periklu ta' sahhtu. Imma Alla helsu mill-marda ghaliex kellu pjanijiet ohra ghalih. Bil-hidma tieghu appostolika huwa ikkonverti hafna nies u s-superjuri tieghu meta raw fih din il-karizma baghtuh jaqdi doveri ohra missjunarju fl-artijiet ta' Franza.



Hawn ukoll kien il-mezz li hafna ikkonvertew mill-eresija li kienet komuni u persistenti hafna ta' l-Ugonotti. Waqqaf assocjazzjoni ta' nisa biex jipprokuraw

ghajnuna lill- habsin u kien strument li jitwaqqfu hafna fratellanzi tas-Sagrament. Huwa ghadda hafna xtiewi fil-missjoni qalb il-muntanja u bosta n-nies kienu jterrqu qalb il-ksieh u s-silg biex jisimghuh jippridka u jqerru. Mara li irrangatlu it-tunika mqatta tieghu kien fadlilha xi bicciet imqatta minna u permezz taghhom fiequ zewg itfal morda. Dan il-mirakli gera' bhal lehha ta' berqa kullimkien qalb il-muntanji.

Barra il-katekizmu u l-priedki huwa kien izur il-morda u l-habsijiet u jghin lil min kien bzonn ta' l-ghajnuna tieghu. Mal-5000 ruh iffullaw fil-knisja tal-Benedittini gewwa Saint- Pierre le Moustiers biex jisimghu l-kelma qaddisa tieghu.

F'Novembru tas-sena 1637 huwa beda missjoni ohra gewwa Marthes qalb il-muntanji. Waqt il-vjagg huwa kiser saqajh ghaliex arbuxell li kien qed izomm mieghu biex jitla' l-muntanja ceda' bih u waqa' Minkejja din is-sitwazzjoni bil-ghajnuna ta' siehbu u zokk li serva bhala bastun kompla triqtu. Meta wasal flok mar ghand tabib talab biex johduh gewwa konfessinarju biex jisma' l-qrar. Wara bosta sighat meta sabu l-kappillan gablu t-tabib u sab li l-ksur fieq mirakolosament.

Kliemu biss fuq Alla u kull min kien jisma' il-quddiesa tieghu kien jintela' bl-imhabba lejn Alla. Wara tnax-il sena ta' hidma huwa marad u ta' 44 sena radd ruhu lil Alla Difnuh gewwa Louvsec qalb il-muntanji fejn hafna pellegrini jmorru jzuruh. Papa Klement XII hatru qaddis fis-sena 1737

Il- Kurat t'Ars ircieva miraklu bl-intercessjoni ta' dan il-qaddis. L-orfanatroju ta' Ars ma kellux aktar qamh ghall-hobz u l-hsad tant kien fqir li ma setghax jitlob lill-poplu biex jaghti aktar ghajnuna. Huwa pogga medalja wara l-bieb tal-kamra vojta fejn kien jzommu l-qamh u l-ghada bil-kemm setghu jifthu ghax il-kamra kienet mimlija totalment.

Ghal-kemm il-festa liturgika tal-qaddis hija fil-31 ta' Dicembru n-nies ta' La Louvsec jiccelebrawha fis-16 ta' Gunju minhabba l-ksieh u s-silg tal-muntanja matul Dicembru.